# Fondi Ewropej għall-Kunsilli u Reġjuni Lokali

# Rural Youth of Europe

**George Abdilla – Segretarju Eżekuttiv**
**Bjorn Vassallo – Manager, Reġjun Tramuntana**

# Rural Youth of Europe – CERV

‘Rural Youth of Europe’ għandu l-għan li jippermetti liż-żgħażagħ u l-esperti janalizzaw il-futur ta’ żgħażagħ f’żoni rurali Ewropej, fis-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ wara l-pandemija tal-Covid.

Dan il-proġett ta’ edukazzjoni informali bi proċessi ta’ taħriġ innovattivi u dinamiċi hu maħsub biex itejjeb il-ħiliet taż-żgħażagħ li kellhom l-opportunità li jaqsmu fehmiet u esperjenzi differenti, jitgħallmu minn xulxin dwar il-ħajja f’żoni rurali ta’ pajjiżi differenti.



# Rural Youth of Europe – CERV

Il-parteċipanti żiedu l-ħiliet soċjali u kulturali tagħhom. L-attivitajiet imtellgħa jkabbru l-ħiliet interattivi tagħhom bl-għan li jippreparawhom biex jagħmlu l-pass lejn dinja aħjar.

Dan l-iskambju ta’ għarfien u opinjonijiet jista’ jkollu impatt soċjoekonomiku sinifikanti, peress li ż-żgħażagħ se japplikaw dak li jkunu tgħallmu ladarba jirritornaw lejn pajjiżhom, biex ikunu jistgħu jikkontribwixxu biex jiġġieldu kontra d-depopolazzjoni fiż-żoni rurali; jimmodernizzaw u jsiru intraprendituri żgħażagħ permezz tal-użu ta’ teknoloġiji u metodi innovattivi ta’ edukazzjoni.







Rural Youth of Europe
RURAL YOUTH OF EUROPE
REĠJUN TRAMUNTANA
Co-funded by the European Union
International Creative J
WATCH LIVE FOOTBALL MATCHES
THE ANCHOR
Colours of the North


REĠJUN
TRAMUNTANA
MATCHES
SPORTS


BASS


Levi's





# Il-benefiċċji għall-Kunsill Lokali u għall-parteċipanti

Dawn il-programmi ta' skambju ta' studenti joffru diversi benefiċċji lill-istudenti, inkluża l-opportunità biex jiksbu edukazzjoni f'art barranija u jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ambjent u l-kultura tal-pajjiż barrani.

Jgħin ukoll fil-bini ta’ ħiliet soċjali u intellettwali, l-iżvilupp ta’ perspettiva globali, u l-espansjoni ta’ orizzonti ta’ fehim u tagħlim.

# L-esperjenza miksuba permezz tal-Fondi Ewropej

Bil-parteċipazzjoni f'dan il-proġett CERV, iffinanzjat mill-UE ksibna esperjenza siewja kemm għall-parteċipanti kif ukoll bħala Reġjun.

Il-proġett għandu l-għan li jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, u jikkontribwixxi għas-sostenn u l-iżvilupp ulterjuri ta' soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, ugwali u inklużivi.

# L-esperjenza miksuba permezz tal-Fondi Ewropej

Ksibna għarfien aktar profond tal-valuri u l-prinċipji tal-UE, u lkoll ħdimna għall-promozzjoni ta’ dawn il-valuri fil-komunitajiet tagħna fi ħdan il-kunsilli lokali. Żviluppajna ħiliet ġodda, bnejna kuntatti ġodda, u esponejna ruħna għal kulturi u perspettivi differenti.

B’mod ġenerali, il-parteċipazzjoni f’dan il-proġett kienet esperjenza ta’ sodisfazzjon li tikkontribwixxi għat-tkabbir personali u professjonali, kif ukoll għall-promozzjoni tal-valuri u l-prinċipji tal-UE.

# L-impatt tal-proġett fuq il-komunità

Il-proġett offra opportunità ta’ mobilità għaż-żgħażagħ lokali biex jiltaqgħu ma’ dawk ta’ żgħażagħ minn pajjiżi differenti. Dan rawwem fihom djalogu u tagħlim interkulturali, żviluppaw ħiliet li jistimulaw l-involviment fis-soċjetà u l-parteċipazzjoni attiva.

L-impatt fuq iż-żgħażagħ lokali fil-komunità huwa sinifikanti, b'opportunitajiet biex jitgħallmu dwar kulturi, lingwi, u stili ta' ħajja differenti. Barra minn hekk, iż-żgħażagħ żiedu l-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika, wessgħu l-orizzonti tagħhom, u kibru fl-iżvilupp soċjali u personali tagħhom.

Bil-parteċipazzjoni f’dan il-proġett, ħafna żgħażagħ saru konxji tax-xogħol li jagħmlu l-kunsill lokali u r-Reġjun u l-beneficċji li jistgħu jieħdu minnu billi jipparteċipaw aktar f’inizjattivi bħal dawn.

# Grazzi

REĠJUN
TRAMUNTANA

# Fondi Ewropej għall-Kunsilli u Reġjuni Lokali